# 70 Sena Ilu.

***Artiklu minn Mark Ciantar***

Malta, daħlet fit-Tieni Gwerra Dinjija nhar il-11 ta' Ġunju 1940, bl-ewwel attakk mill-ajru jseħħ propju fl-istess jum fis-sebgħa ta' filgħodu. Peress li l-Floriana tinsab fil-viċinanzi tal-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett, sabet ruħha fiċ-ċentru tal-attakki mill-għadu.

Bħall-ibliet fil-Kottonera, u l-Belt Valletta, il-Furjana sofriet, telf ta' ħajja u tiġrif ta' bini. L-ewwel attakk fil-viċinanzi tal-Furjana, seħħ fl-akkwata ta' Bieb il-Bombi. Ovvjament ħafna bini ġġarraf bil-qilla tal-bombi. Sfortunatament l-anqas it-tempji reliġjużi ma ħelsuha mill-qilla tal-gwerra. Għall-grazzja t'Alla, il-Knisja ta' Sarria ma sofrietx ħsarat strutturali, imma ġarrbet xi ħsarat bil-blast tal-bombi. Kieku ma kienx hekk il-Furjaniżi ta' żmien il-gwerra kienu jispiċċaw bla knejjes matul il-gwerra. Fil-fatt il-Knisja ta' Sarria serviet bħala Parroċċa sa minn meta l-knisja ta' San Publju ġġarrfet sa nhar l-10 ta' Diċembru 1944.



Nistgħu ngħidu li l-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani u l-Knisja ma kellhomx l-istess xorti. Dan il-bini iġġarraf waqt attakk nhar is-Sibt 4 ta' April 1942. Dakinhar kien jaħbat lejlet l-Għid il-Kbir. Imma l-akbar telfa u diqa ta' qalb li ħassew il-Furjaniżi kien propju nhar it-Tlieta 28 ta' April 1942 fis-7.50 ta' filgħodu. Dan il-jum tal-biki kien imnaqqax għal dejjem fl-istorja lokali tagħna. Qabel din il-ġurnata, il-knisja kienet diġa` sofriet xi ħsarat, permezz ta' attakki fuq il-fosos, u fil-viċinanzi tal-knisja. Minn rakkonti fl-istorja, jaħsbu li dan l-attakk kien propju maħsub biex titwaqqa' din il-knisja maestuża, peress li matul dan l-attakk, l-ebda post ieħor ma ġie ibbumbardajt ħlief il-Knisja. Kif jixhdu r-ritratti, il-koppla ġiet milquta kemm –il darba, u l-istess il-faċċatta tal-knisja. Peress li l-attakk





ikkonċentra fuq il-koppla, il-koppla iġġarrfet u meta l-materjal waqa' 'l isfel fil-korsija dan sfronda l-art, u l-irdim baqa' nieżel fil-kannierja. Fil-fatt fil-kannierja mietu 13 –il ruħ fosthom Dun Pawl, qassis rispettat ħafna f'dawk iż-żminijiet. Il-kappelluni tar-rużarju u tal-kurċifiss, sfatilhom ħsara kbira. Matul dan l-attakk il-Knisja tilfet ħafna opri, minn pitturi, linef, ornamenti tal-irħam, pulptu eċċ......

Rakkonti ta' dan l-attakk, jgħidulna li wara l-attakk ħafna Furjaniżi ġrew lejn il-Knisja, minkejja l-perikli kollha, speċjalment meta ġriet l-aħbar li mietu n-nies taħt il-knisja waqt l-attakk. Jirrakuntaw li l-Arċipriet Ghigo kien bla kliem, kif ukoll bid-dmugħ f'għajnejh.

Imma kif hemm fir-rakkonti, l-akbar diqa għall-Furjaniżi kienet li l-vara artistika ta' San Publju sofriet xi ħsarat matul dan l-attakk, minkejja li n-niċċa tal-vara kienet protetta bi '*blast walls*'. Dawn il-ħitan li kienu ddisinjati u mibnija biex jilqgħu s-saħħa tal-bombi, ġew mqiegħda fuq ordni tal-mibki Emmauel S. Tonna, jew kif ħafna nafuh is-Sur Tonna. Is-Sur Tonna kien il-'*Protection Officer*' tal-Floriana. Dan ħaseb li jipproteġi speċifikament




Soċjeta` Filarmonika Vilhena 14, Triq Sant' Anna Floriana FRN9013
info@vilhenabc.com



l-istatwa wara li mina splodiet fi Pjazza San Publju quddiem il-knisja nhar is-Sibt 3 ta' Lulju 1941. Hawhekk il-knisja sofriet xi ħsarat fosthom il-bieb maġġur, li nfaqa' 'l ġewwa. Fil-fatt li kieku ma kinux dawn il-ħitan, kien ikkalkulat li l-istatwa kienet tinqered kompletament. Rakkonti jgħidulna, li l-istatwa sofriet ħsarat għax ħadd ma kien jaf li niċċa żgħira fil-kappellun tal-kurċifiss li kienet isservi bħala bokka tal-ventilazzjoni, kienet twassal għan-niċċa fejn kien hemm l-istatwa ta' San Publju. Fil-fatt l-istatwa ntlaqtet minn '*blast*' enormi li daħal minn din il-bokka ta' din in-niċċa, intrefgħet minn postha u nstabtet mal- '*blast walls*'. Rakkonti jkomplu jgħidulna li xi rġiel ħattew, il- '*blast walls*', ħarġu l-istatwa min-naħa tat-Triq San Publju, għabbewha fuq trakk u ħaduha fil-Parroċċa ta' Marija Bambina fin-Naxxar, fejn damet hemm kważi sentejn.

Ikolli nistqarr li meta kont qiegħed nirriċerka u nikteb dan ir-rakkont, qabduni dwejjaq kbar, imma ftit, ftit, tirrealizza kemm il-Maltin kienu ta' qalb kbira. Qatt ma ċedew kontra l-għadu, anzi iġġildulu bl-aktar mod ċivili. Fil-gazzetta 'il-Mument' il-ħarġa tal-Ħadd 3, ta' Mejju 1992, artiklu ta' Anthony Piscopo, jirrakonta din il-ġrajja fid-dettall, b'intervisti ma' Vincent Muscat, Pawlu Camilleri u Duminku Meli. Fl-aħħar spiċċa l-artiklu tiegħu hekk..."Iż-żmien inessi. Sa għaxar snin





minn wara din it-traġedja, it-tempju rega' nbena kif kien u minflok li l-Furjaniżi qagħdu jibku xortihom, ħarġu flushom u middew idejhom u komplew isebbħuh, biex illum kulmin jiġi għall-festa jkun jista' jammira dan il-wirt li ħallewlna missirijietna."

Illum din is-sentenza għadha tgħodd ukoll. Dak li ħallewna missirijietna għandna nindukrawh. Ma rridux naqtgħu qalbna, nagħmlu kuraġġ għax nafu li ta' warajna ħa jiftakru x'għamlu ta' qabilhom biex ħallew dan il-wirt kollu minkejja din it-traġedja tat- 28 ta' APRIL 1942.



Refernzi:

Il-Mument, Ħarġa tal-Ħadd 3, ta' Mejju 1992

REMEMBRANCE FLORIANA BLITZ 1942 COMMEMORATIVE BOOKLET 40TH ANNIVERSARY 1982